# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 92/97G

Dimitri u Carmen konjugi Agius u b'digriet tal-11 ta' Mejju 2000 giet korretta ghal Dimitri Agius

vs

Direttur Generali Responsabbli mix-Xogholijiet Pubblici u b' digriet tal-11 ta' Mejju 2000 giet korretta ghal Direttur Generali tax-Xogholijiet u ghal kwalunkwe interess li jista' jkollhom il-Ministru responsabbli mix-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni u b' digriet tal-11 ta' Mejju 2000 giet korretta ghal Ministru tal-Ambjent

Illum 13 ta' Mejju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fl-1991 ir-rikorrenti sofrew ingustizzja lampanti billi r-rikorrent Dimitri Agius resaq ghall-ezami biex jilhaq Technical Officer II u ghalkemm huwa gie nfurmat li ghadda, l-amministrazzjoni ta' dak iz-zmien ma tatux il-promozzjoni ghal Technical Officer II precisament meta kellu jigi promoss hu.

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan ir-rikors kienu:

Illi originarjament ir-rikorrent kien impjegat mal-Posta u kien gie sekondat ghal mad-Dipartiment tax-Xogholijiet fis-sena 1976 - Dok A;

Illi sakemm dam sekondat ghamel kors fil-"Building Construction" fil-Malta College of Arts, Science and Technology u gie promoss ghal Works Technical Officer;

Illi kien ghamel kors iehor fis-sena 1989 fit-tmexxija tal-Ko-operattivi u ghandu c-certifikat relattiv li nghata lilu bhala rikonoxximent tal-esperjenza tieghu f'dan il-qasam;

Illi bhala xogholijiet hu kien inkarigat mill-kostruzzjoni tal-football ground tal-Gharb, asphalting ta' toroq, twessiegh ta' toroq u kostruzzjoni ta' toroq fil-Home Ownership Scheme ta' Ghawdex kollu.

Illi kien ukoll in charge mit-trenching u laying of pipes tad-Drainage f'diversi nhawi ta' Ghawdex.

Illi fl-1986 hu lahaq Technical Officer I wara li kien hemm "call for applications".

Illi ghall-ahhar tas-sena 1987 hu resaq ghal interview ghal Technical Officer II u ma ha l-ebda risposta - Dok B u B1.

Illi r-rikorrent irrileva li bhala Technical Officer I hu kien l-uniku f'Ghawdex li kellu esperjenza vasta f'dan il-qasam.

Illi kif intqal fis-sena 1991 rega' resaq ghal interview iehor ghal post ta' Technical Officer II u ghalkemm kien gie nfurmat li ghadda baqa' ma gie mghajjat qatt filwaqt li dawk li resqu ghall-interview mieghu hadu l-grad ta' Technical Officer II warajh u ma kellhomx l-esperjenza ta' xoghol li kellu hu.

Illi hu rtira minn mal-Gvern fis-sena 1992 fuq parir mediku.

Illi llum ihossu f'siktu haga li hajritu jerga' jidhol ghax-xoghol u pero' ma giex accettat ghax ghalaq il-hamsa u hamsin u llum ghandu tmienja u hamsin;

Illi jhoss li mieghu saret ingustizzja u ma ntaghzilx ghal Technical Officer II ghas-semplici raguni li kien ta' kulur politiku differenti minn dak tal-Gvern ta' dak iz-zmien.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti filwaqt li rriservaw li jgibu l-provi kollha ammissibbli skond il-ligi fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, talbu lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment taghhom skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji billi jilqa' t-talba taghhom u konsegwentament jinghataw rimedju skond il-ligi, kif l-istess Tribunal jidhirlu opportun xieraq u gust, u ghal dan l-iskop ir-rikorrent Dimitri Agius talab li jerga' jigi riammess mal-Gvern bhala Technical Officer II billi kien ghadda jew alternattivament jekk l-istess rimedju mhux aktar possibbli u/jew li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal u dana taht dawk il-provedimenti u mizuri li joghgbu l-istess Tribunal jipprefiggi.  Bl-ispejjez kontra l-intimati nomine.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet Pubblici u tal-Ministru responsabbli mix-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni li eccepew:

Illi r-rikorrent gie sekondat bhala pustier mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mill-1 ta' Ottubru 1975. Hu lahaq il-grad ta' Works Technical Officer fl-1 ta' Mejju 1980. Fil-15 ta' April 1987 hu lahaq il-grad ta' Technical Officer I.

Fil-perjodu li jaqa' taht il-kustodja tat-Tribunal, ir-rikorrent applika kif segwenti:

Fl-20 ta' Mejju 1988 kienet harget sejha numru 59/88 ghall-applikazzjonijiet ghal gradi ta' Ufficcjal Tekniku I u II rispettivament. Ir-rikorrent kien jokkupa l-grad ta' Ufficjal Tekniku I u ghaldaqstant kien eligibbli biex japplika ghall-grad ta' Ufficjal Tekniku II.

Illi r-rikorrent ma ssodisfax il-kriterji pristabbiliti ghas-selezzjoni fil-grad imsemmi u ghalhekk naqas li jikkwalifika.

Illi sejha ohra kienet Cirkolari numru 138/90 datata 16 ta' Awissu 1990. Din is-sejha kienet miftuha ghall-grad ta' Ufficcjal Tekniku II u kienet intenzjonata biex timla numru zghir ta' vakanzi fil-grad rispettiv.

Illi r-rikorrent ma giex il-quddiem bizzejjed biex jintghazel mill-Bord.

Illi l-ahhar sejha kienet dik b'Cirkolari Numru 59/91 datata 17 ta' Lulju 1991.

Illi ghalkemm ir-rikorrent ma jidhirx li applika ghal din is-sejha partikolari, din is-sejha twaqqfet u kull min kien ikkoncernat gie avzat permezz ta' ittra bil-miktub.

Ghaldaqstant, it-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimati.

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa:

Illi ghalkemm tqanqlet il-kwistjoni tal-kompetenza tar-rikorrent dan l-argument diga gie ezawrit ampjamnt, meta xehdu il-Perit Carmel Borg u Joe Azzopardi, is-superjuri u l-imghallem fis-Section tar-rikorrent.

Illi x-xhieda indikati mir-rikorrent u cioe' d-direttur tal-Public Works u l-Perit inkarigat mir-Roads certament ma jistghux izidu ma dak li ntqal peress li huma minn Malta u

konsegwentement ma jistghux jixhdu dwar fatti li huma jafu personalment izda semmai huma jixhdu dwar fatti li jirrizultaw mill-file tad-Dipartiment, xi haga li rapprezentant tad-Dipartiment diga kellu l-okkazjoni li jaghmel.

Ghaldaqstant l-intimat Direttur Generali tax-Xogholijiet talab li t-talba tar-rikorrent tigi michuda stante n-nuqqas ta' rilevanza tax-xhieda msejha peress illi dawn ma jistghu jaghtu ebda informazzjoni relevanti gdida.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi xehed ir-rikorrent li kkonferma l-fatti msemmija fir-rikors. Semma li gewwa Ghawdex is-superjur tieghu kien il-Perit Carmelo Borg jew ahjar kien il-perit tal-Gvern f' Ghawdex. L-interview dam xi hames minuti. Min Ghawdex hu biss kien eligibbli minn dawk li applikaw, izda ma giex maghzul ghal T.O.II. Imbaghad sussegwentement kienet harget applikazzjoni ghal T.O.I ftit wara u minn Ghawdex kien saru

bejn tmienja jew disgha minn nies. Min dawn kien hemm xi nies li mill-grad ta' labourer gew promossi ghal grad ta' T.O.I. Fost dawn kien hemm Carmel Attard minn San Lawrenz. Kien hemm ohrajn bhal Charlie Spiteri li mill-grad ta' messaggier saru wkoll T.O.I. Zied li fl-1990 harget sejha ohra ghal technical officer II u hu applika kif kienu ghamlu wkoll tliet ohra. Dawn kienu Frans Cauchi, John Mary Grima u Carmel Curmi. Kienu ghaddew l-erba' imma huma t-tlieta saru technical officers II u r-rikorrent le. Semma li x-xoghol li kien jaghmel hu, gewwa Malta kien isir minn works managers jew minn T.O.III.

Qal li Carmel Curmi li kien sar T.O.II wara s-sejha tal-1990, fl-1988 kien gie kkunsidrat mhux eliggibli ghas-sejha ghal T.O.II. Fl-1992 irtira minn mal-Gvern fil-grad ta' T.O.I. Semma li fl-1987 meta inbidel il-Gvern kien intbaghat f'kamra taz-zingu fiz-Zebbug u hawnhekk ghamel seba' gimghat ma jaghmel xejn. Wara gie il-Perit Zammit, llum Direttur tat-Toroq, u kien tah ix-xogholijiet tad-drainage section, tat-trenching ma' Ghawdex kollu ghaliex kien jaf illi kien jaqdi dmiru sew. Qal li ma jafx jekk kienx hemm xi nies illi kienu juniors tieghu u li saru technical officers II fl-1988 u dan minn Malta.

Il-Perit Carmelo Borg li kien l-perit tad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici f'Ghawdex fl-1982 jew 1983 u baqa' sa l-

1989 xehed li f'dan iz-zmien kien responsabbli mit-toroq u mill-progetti gewwa Ghawdex, li hija l-engineering section. Ghamel xi zmien ukoll kap tad-Dipartiment f' Ghawdex. Ir-rikorrent kien responsabbli principalment minn asphaltar u xogholijiet tat-toroq. Dak iz-zmien kienu saru progetti kbar fosthom tat-toroq tal-Home Ownership Scheme, ir-roll on/roll off platform tal-Imgarr, is-sumps tad-drenagg tax-Xlendi kif ukoll diversi pumping-stations tad-drenagg madwar Ghawdex, il-progett ta' Chambrai. Ir-rikorrent kien l-unika persuna gewwa Ghawdex inkarigata mill-asphaltar u l-kostruzzjoni. Kien isib lir-rikorrent bhala persuna efficjenti hafna u bniedem kompetenti.

Joe Azzopardi li fl-1987 kien ufficjal amministrattiv mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici gewwa Ghawdex xehed li jaf lir-rikorrent l-ewwel kien technical officer u mbaghad sar T.O.I. Ir-rikorrent kien l-ufficjal tekniku gewwa Ghawdex inkarigat mill-asphaltar u tiswijiet tat-toroq f'Ghawdex u xogholu kien jinvolvi tqassim ta' nies, tqassim ta' makkinarju, ordnijiet ta' materjal u uzu ta' l-istess materjal, u mit-toroq kien hu l-uniku bniedem inkarigat. Ir-rikorrent kien bniedem efficjenti hafna. Meta nbidel il-Gvern fl-1987, kien hemm xi caqliq ta' haddiema fosthom tar-rikorrent li kien intbaghat mas-sezzjoni tad-drenagg. Jahseb li kien hadlu postu John Mary Grima. Ir-rikorrent spicca bla xoghol dak iz-zmien. Sussegwentement hu mar jahdem fis-sezzjoni tad-drenagg.

Dwar Charlie Spiteri, illi llum hu senior technical officer qal li ma jafux bhala bniedem tekniku - *up to standard* ghalkemm f'affarijiet ohra bhal dak li hu xoghol ta' organizzazzjoni dan huwa kapaci. Frans Cauchi kien field surveyor assistant u xogholu kien kejl ta' art tar-raba', u ma kienx jaghmel xoghol amministrattiv. Carmel Curmi huwa l-oghla ufficjal wara l-Perit jew Inginier inkarigat mis-sezzjoni tad-drenagg f'Ghawdex. John Mary Grima kien jaghmel xoghol tekniku. Jaf illi kien hemm zmien meta r-rikorrent, li kien T.O.I, kien jigi fuq is-Sur Curmi u s-Sur Grima u hafna oghla mis-Sur Cauchi li kien ghadu field surveyance officer.

Joseph Caruana Technical Officer III mad-Dipartiment tax-Xogholijet gewwa Ghawdex xehed li jaf lir-rikorrent u li sa l-1987 kien l-ufficjal inkarigat mill-asphalting u patching tat-torog ta' Ghawdex.

Fl-affidavit tieghu Paul Scicluna qal li dwar Carmel Attard u Charles Spiteri, li semma r-rikorrent u allega li dawn it-tnejn saru Ufficcjali Teknici minn Labourers, mid-dokumenti ufficjali jirrizulta li s-Sur Carmel Attard dahal fis-servizz pubbliku b'effett mit-2 ta' Gunju 1971. Hu lahaq il-grad ta' Supervisor b'effett mill-5 ta' Lulju 1990 u sussegwentement sar foreman of works sakemm fit-18 ta' Lulju 1991 lahaq il-grad ta' Works Technical officer, liema grad zamm sakemm irtira mis-servizz. Fejn jikkoncerna s-Sur Charles Spiteri dan

dahal fis-servizz pubbliku b'effett mid-9 ta' Novembru 1970 u lahaq labourer fl-1974. Fl-1985 lahaq il-grad ta' Messaggier u 1987 sar Messaggier II. Fl-24 ta' Lulju 1989 lahaq bhala Works Technical Officer u sussegwentement sar Foreman of Works sakemm fit-18 ta' Lulju 1991 lahaq il-grad ta' Works Technical Officer liema grad zamm sakemm irtira mis-servizz. Ir-rikorrent sar Works Technical Officer fl-1980. Mill-iskeda annessa jirrizulta wkoll illi s-Sur John Mary Grima kien effettivament sar kemm WTO u anke TOI hafna snin qabel ir-rikorrent, u ghaldaqstant fil-konfront tieghu ma setghatx saret xi forma ta' ingustizzja. Fejn jikkoncerna s-Sur Carmel Curmi jidher illi dan lahaq il-grad ta' WTO sena wara r-rikorrent u sar TOI sentejn wara r-rikorrent ghalkemm kien jippossjedi aktar snin ta' servizz mir-rikorrent cioe' ghaxar snin aktar esperjenza.

Is-Sur Francis Cauchi li kellu hames snin aktar esperjenza mir-rikorrent kien lahaq il-grad ta' TOI b'effett mill-1989 u ghalhekk sar sentejn wara r-rikorrent. Dan il-grad kien hadu permezz ta' lment li kien ghamel quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni kontra l-Ingustizzji.

Fil-marki li gew moghtija jidher kjarament illi l-akbar differenza qeghda fil-kategorija ta' **<u>Trade Experience u Departemental Knowledge</u>**, puntegg li nghata abbazi ta'

kemm l-applikanti kienu jippossjedu snin ta' servizz skond skeda annessa.

Ikkonferma r-risposta pprezentata mill-istess intimati. Ikkonferma li John Mary Grima u Carmel Curmi kienu saru technical officers II wara s-sejha tal-1990. John Mary Grima dahal fis-servizz pubbliku b'effett mit-3 ta' April 1962 filwaqt li r-rikorrent dahal fl-1 ta' Ottubru 1975. Grima sar W.T.O. b'effett mill-15 ta' Lulju 1976 filwaqt li r-rikorrent sar fl-1 ta' Mejju 1980. Grima sar tech. I b'effett mit-12 ta' Novembru 1981 filwaqt li r-rikorrent sar fil-15 ta' April 1987. Carmel Curmi gie mpjegat mas-servizz pubbliku fit-25 ta' Ottubru 1965. Fl-1 ta' Dicembru 1981 lahaq W.T.O. u sar tech. I fit-30 ta' Mejju 1989. Jirrizulta li r-rikorrent kien ghadda mill-interview li sar wara s-sejha tal-1990. Wara s-sejha tal-1990 ir-rikorrent ma lahaqx T.O. II ghalkemm ikkwalifika ghaliex kienu ghaddew erba' u saru tlieta. Mid-dokument ipprezentat mar-risposta ta' l-intimati u mmarkat bhala Dok. 14, fir-raba' pagna ta' dan id-dokument jidher li mis-seba' kandidati ghaddew erba' fosthom Cauchi Francis li gie l-ewwel, John Mary Grima li gie t-tieni, Carmel Curmi li gie t-tielet u r-rikorrent li gie r-raba'. Id-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici mas-sejha kien talab li jimtlew tliet postijiet ta' technical officers II kif jidher mid-dokument anness mar-risposta ta' l-intimati u li qieghed fit-tieni pagna ta' Dok. 10.

Vince Magri li kien general manager mad-Dipartiment tax-Xogholijiet, tal-workshops tal-garaxxijiet xehed li kien ic-Chairman tal-bord ta' l-ghazla li ezamina l-applikanti ghall-post ta' Technical Officer I u II skond l-OPM circular 59/88. Qualifications kellhom allokati ghoxrin marka, Trade Experience li ghalih kien hemm allokati erbghin marka, Departmental Knowledge ghaxar marki, Personality/Leadership tletin marka. Ir-rikorrent gab 0 ghal dawk li huma Qualifications; ghoxrin minn erbghin marka ghal Trade Experience; sitt marki ghal Departmental Knowledge u hmistax il-marka ghal Personality/Leadership. B'kollox it-total kien 41 marka.

Dwar l-interviews li saru ghal post ta' Technical Officer II li mal-Works Department f'Ghawdex fl-1990 l-membri tal-bord l-ohra apparti hu li kien ic-Chairman kienu l-Perit Emanuel Galea, Anthony Vella u Charles Spiteri li kien A.O. Il-marki kienu allokati hekk: ghoxrin marka ghal Kwalifiki; erbghin marka ghal **Trade Experience**, ghaxra ghal **Departmental Knowledge** u tletin ghall-**Personality/leadership**.

**KONKLUZJONIJIET**

Illi r-rikorrent ilmenta li ma hax il-promozzjoni fl-1987 u fl-1991 ghal TOII. Talab li jerga jigi ammess mal-Gvern bhala TOII billi kien ghadda u talab kumpens. L-intimati sostnew li ghalkemm kien ghadda kien hemm bzonn ta' tlieta u hu gie ir-

raba'. Irrizulta car minn diversi persuni li r-rikorrent kien jahdem tajjeb.

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal "Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Issa rrizulta li tlieta li saru TOII u cioe' Cauchi, Grima, u Curmi kienu saru TOI wara r-rikorrent. Fil-fatt ir-rikorrent dahal jahdem l-ahhar wiehed u cioe' 1/10/75 waqt li Grima 3/4/62, Curmi 25/10/65, u Cauchi 1/9/70. Bhala WTO Grima lehaq fil-15/7/76, ir-rikorrent 1/5/80, Curmi 1/12/81, u Cauchi applika kemm fl-1981 u fl-1983. Ir-rikorrent lehaq TOI fil-15/4/87, Cauchi u Curmi 30/5/89 u Grima 12/11/89. Ghalhekk jidher li bejn dawn l-erbgha daqqa kien ikun ta' quddiem

wiehed u daqqa l-iehor. Ma hemm xejn daqshekk stramb li r-rikorrent ghadda izda gie r-raba'. Izda minn-naha l-ohra irrizulta li kien qieghed jaghmel xoghol superjuri ghall-grad tieghu.

It-Tribunal ikollu bil-fors josserva li r-rikorrent kien jahdem b' mod efficjenti u kien jaghmel xoghol li bazikament kien normalment isir minn nies fi grad superjuri ghall-grad tieghu. F' dan ir-rigward fil-kawza deciza minn dan it-Tribunal fl-ismijiet "Mario Vella vs Direttur tal-Edukazzjoni" deciza fit-2 ta' Novembru, 2000, rikors 128/97 gie deciz li impjegat li ghal zmien twil jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu u b'mod efficjenti ghandu dritt ghal kumpens finanzjarju. Mhux necessarjament jaghtih id-dritt ghall-promozzjoni. Ara wkoll Anthony Cachia vs Korporazzjoni Enemalta 6 ta' Dicembru, 2000. Fil-kaz in ezami r-rikorrent kien kunsidrat bhala haddiem tajjeb u efficjenti. Ghalhekk it-Tribunal ihoss li ghalkemm it-talba tar-rikorrent ma tistax tigi milqugha f'dak li jirrigwarda l-grad, u naturalment ghal biex jigi riammess, xorta ghandu jordna kumpens finanzjarju fl-ammont ta' elfejn lira maltin [LM2000] favur ir-rikorrent.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.